



A.D. 1920

# Mikelanġ Sapiano

## *u t-Tużell tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan*

Kitba ta' **Lino Borg**



Waħda mill-opri artistiċi li jżejnu l-Knisja Parrokkjali tagħna fil-jiem tal-festa hi t-tużell. Dan it-tużell ġie ddisinjat mill-magħruf Ġużeppi Calleja u nħadem mill-Balzani Salvu Grixti fi Triq it-Tliet Knejjes. Tlesta u żżanżan fil-festa ta' l -1877.

Id-dehra maestuża tiegħu fuq l-altar maġġur tnessi minn moħħok li t-tużell qed iżomm f'bilanċ perfett bla ħtieġa ta' ventijiet! U għalkemm ma nafux kif armawh fl-ewwel sentejn, nafu li fl-1879, il-magħruf oroloġista Mikelanġ Sapiano (1826-1912) mill-Imqabba għamel imradd jew speċi ta' krejn biex dan it-tużell ikun jista' jittella' f'postu.




L-imradd jitħaddem bl-id (manwali) billi jdawwar kamin oħxon li jgħaddi minn snien ta' rota kbira. Marbuta magħha hemm rombla ta' l-injam li fuqu jitkebbeb il-ħabel. Il-mekkaniżmu kollu huwa mqiegħed fuq żewġ linji tal-ħadid u meta jitkebbeb il-ħabel, il-krejn jersaq u jżomm il-ħabel dejjem fin-nofs. Imma fil-bijografiji ta' Mikelanġ Sapiano dan l-imradd, għal xi raġuni, qatt ma jissemma.

Sapiano twieled l-Imqabba, f'familja tal-bdiewa, fid-19 ta' Marzu 1826. Missieru bagħtu jitgħallem is-sengħa ta' mastrudaxxa għand mgħallem mis-Siġġiewi. Iżda Mikelanġ kellu f'moħħu pjanijiet oħra. Waqt il-ħin tal-mistrieħ kien imur fil-ħanut ta' l-arluġġar Kalċidon Pisani fis-Siġġiewi stess, u kien hawn li tgħallem is-sengħa ta' arluġġar. Aktar tard kompla jitħarreġ għand Ġan Anton Tanti mill-Marsa.

Ta' erbatax-il sena fetaħ ħanut għat-tiswija ta' l-arloġġi u rnexxielu jsewwi l-arloġġ tal-Knisja ta' l-Imqabba.

Sapiano beda jibni xi arloġġi u fl-1860 għamel l-ewwel arloġġ kbir għall-knisja tal-Gudja u erba' snin wara ġie onorat bil-midalja tal-fidda fil-wirja ta' l-Industrija Maltija. Huwa bena madwar wieħed u għoxrin arloġġ kbir għall-knejjes f'Malta

u Għawdex, fosthom ta' Stella Maris, tal-Mellieħa u tax-Xewkija. Fl-1877 lesta tliet arloġġi oħra: għaċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, għan-Nadur u s-Sannat f'Għawdex.

Fl-1879, ta' 53 sena bena l-imradd għat-tużell, li għalkemm mill-Knisja ma jidhirx, ilu jaqdi l-parroċċa għal mija u għoxrin sena.



L-imradd li bih jittella' t-tużell, xogħol l-oroloġista Mikelanġ Sapiano. Dan l-imradd jinsab fuq wara tal-koppla f'kamra żgħira.

Aktar tard ħadem arloġġi għall-knejjes ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, ta' San Pawl ta' B'Kara u fl-1881 ipproduċa oħrajn għal Ħal Luqa u Ħaż-Żebbuġ. Xogħlijiet oħra tiegħu huma t-tiswija u r-restawr ta' l-arloġġ tal-Palazz biex idoqq bi nhar biss u l-arloġġ tax-xatt tal-Marsa ħa ħsieb li jagħmlu jdoqq il-ħin regolari kif ukoll biex jagħti sinjal lill-ħaddiema erba' darbiet kuljum.

Aktarx li l-akbar meravilja mekkanika li ħoloq Sapiano tibqa' l-miżien li ħadem għad-Dwana Maltija. Dan mhux biss kien jirreġistra piż konsiderevoli imma wkoll piżijiet minimi sa daqs ta' żerriegħa ta' qamħa! Dan il-miżien jinsab għall-wiri fil-Mużew Marittimu fil-Birgu.

Fis-26 ta' Frar 1908 ġie onorat bil-midalja tad-deheb mis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ għas-sengħa u l-ħila li wera f'karriera twila tul ħajtu. Sapiano jibqa' magħruf bħala "Il-Ġenju Malti tal-Mekkanika". Huwa kien iżżewweġ darbtejn lil żewġ aħwa nisa. Miet fit-2 ta' Diċembru 1912 ta' 86 sena.

**Referenzi:**

Michael J. Schiavone, *Maltese Biographies of the Twentieth Century*, PIN, 1997.